

31990R1014

25.4.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 105/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1014/90**ta' l-24 ta' April 1990****li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġu implimentati r-regoli dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituw**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Il-kwantità ta' alkoħol miksub mill-fond ma tistax taqbeż il-35 % tal-kwantità totali tal-alkoħol fil-prodott finali.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjonijiet, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituw⁽¹⁾, u b'mod partikolari Artikolu 1(4)(f) (1) (a), (g), (i) (1) (d), (i) (2), (i) (1) u (i) (1) (b) u (r) (1) tiegħu,

Għall-iskopijiet ta' Artikolu 1(4)(g) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 l-ispirtu mill-karfa tal-frott magħsur huwa x-xarba spirituw miksuba bil-fermentazzjoni u d-distillazzjoni biss f'inqas minn 86 % vol. tal-karfa tal-frott magħsur għajr il-karfa ta' l-għeneb magħsur qabel ma jiħmar. Hija awtorizzata d-distillazzjoni mill-ġdid ta' l-istess qawwa alkolika.

Billi jridu jiġi adottati regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 sabiex jipprovdu kjarifiki essenzzjali tal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament imsemmi hawn fuq u r-regoli supplimentari tiegħu;

Il-kwantità minima ta' sostanzi volatili għandha tkun ta' 200 g għal kull ettolitru alkoħol f'100 % vol.

Billi dawn il-kjarifiki u regoli addizzjonali għandhom fl-ewwel lok iqisu l-kriterji segwiti meta ġie adottat ir-Regolament (KEE) Nru 1576/89 innifsu; billi huwa wkoll xieraq li jintużaw bħala bażi t-tradizzjonijiet u d-drawwiet tad-diversi reġjuni tal-Komunità, għall-inqas safejn u sakemm dawn huma kumpatibbli mas-suq waħdieni; billi kriterju ieħor għandu jkun dak li jiġi evitati kull sorsi possibbli ta' konfużjoni fit-tagħrif mogħti fuq it-tikketti u li jggarantixxi illi għal dak kollu li għandu x'jaqşam mat-tikketti l-konsumatur jingħata t-tagħrif l-iktar sħiħ u ċar possibbli;

Il-kontenut massimu ta' methyl alkoħol għandu jkun ta' 1 500 g għal kull ettolitru alkoħol f'100 % vol.

Il-kontenut massimu ta' aċidu idroċjaniku għandu jkun ta' 10 g għal kull ettolitru alkoħol f'100 % vol. fil-każ ta' l-ispirtu mill-karfa ta' l-għadma tal-frott magħsur.

L-isem tal-prodotti għall-bejgħ għandu jkun l-isem tal-frott segwit bil-frażi "spirtu mill-karfa". Jekk jintużaw tipi ta' karfa mill-għasir ta' frott differenti, l-isem tal-prodotti għall-bejgħ għandu jkun "spirtu mill-karfa tal-frott".

Billi dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet transitorji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3773/89 ta' l-14 ta' Diċembru 1989 li jistabbilixxi miżuri transitorji li għandhom x'jaqsmu ma' tipi ta' xorb spirituw⁽²⁾;

Artikolu 3

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Implimentazzjoni tax-Xorb Spirituw,

Għall-iskopijiet ta' Artikolu 1(4)(i) (1) (d) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 l-isem tal-frott jista' jidħol minflok il-kelma "spirtu" preċedut bl-isem tal-frotta biss fil-każ tal-frott li ġej:

- il-mirabelle (*Prunus domestica* L. var. *syriaca*),
- l-għanbaqar (*Prunus domestica* L.),
- il-quetsch (*Prunus domestica* L.),
- l-arbutus (*Arbutus unedo* L.),
- it-tuffieħ ta' belludja "Golden Delicious".

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Jekk ikun hemm riskju li l-konsumatur finali ma jifhimx malajr wieħed minn dawn l-ismijiet, it-tikkettjar għandu jinkludi l-kelma "spirtu", possibbilment supplimentata bi spjegazzjoni.

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' Artikolu 1(4)(f) (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 il-kwantità ta' fond li tista' tiġi miżjud mal-karfa ta' l-għeneb magħsur qabel ma jiħmar fit-thejjja tal-karfa tal-għeneb magħsur qabel ma jiħmar ma jistax jaqbeż il-25 kg ta' fond għal kull 100 kg wżata ta' karfa tal-għeneb magħsur qabel ma jiħmar.

Artikolu 4

Ix-xorb spirituw li għalih issir referenza f'Artikolu 1(4)(i) (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 jista' jkollu l-isem "spirtu" preċedut bl-isem tal-frotta jekk it-tikketta jkollha wkoll il-kliem "prodott bil' maċerazzjoni u d-distillazzjoni".

⁽¹⁾ ĠU L 160, tat-12.6.1989, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 365, tal-15.12.1989, p. 48.

Il-paragrafu ta' qabel dan ikopri xorb spirituż miksub mill-frott li ġej:

- it-tut (*Rubus fruticosus* L.),
- il-frawli (*Fragaria* L.),
- il-mirtill (*Vaccinium myrtillus* L.),
- il-lampun (*Rubus idaeus* L.),
- il-passolina l-ħamra (*Ribes vulgare* Lam.),
- il-prajn tax-xewk (*Prunus spinosa* L.),
- il-lampun ("rowanberry") (*Sorbus domestica* L.),
- is-"service-berry" (*Sorbus domestica* L.),
- (il-frotta ta') l-ileks ("hollyberry") (*Ilex cassine* L.),
- iċ-"checkerberry" (*Sorbus torminalis* L.),
- il-frotta tas-sebuka (*Sambucus nigra* L.),
- il-frotta tal-ballerina (*Rosa canina* L.),
- il-passolina s-sewda (*ribes nigrum* L.).

Artikolu 5

Għall-iskop ta' Artikolu 1(4)(L) (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 il-kwantità ta' frott użat għandu jkun minimu ta' ħames kg għal kull 20 litri ta' alkoħol f'100 % vol., użat.

Artikolu 6

1. Id-derogi li għalihom issir referenza f'Artikolu 1(4)(i) (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 għandu jkollhom x'jaqsmu mal-kontenut massimu ta' etil-alkoħol ta' spirtu tal-frott, li għandu jiġi mgħolli sa 1 500 g kull ettolitru ta' alkoħol f'100 % vol., fil-każ

ta' l-ispirti miksuba minn produtturi individwali tal-frott fid-distilleriji bi produzzjoni totali annwali ta' l-ispirtu nvolut li ma taqbiżx il-500 ettolitru ta' alkoħol f'100 % vol., miksub mill-frott li ġej:

- l-għanbaqar (*Prunus domestica* L.),
- il-mirabelle (*Prunus domestica* L. var *syriaca*),
- il-quetsch (*Prunus domestica* L.),
- it-tuffieħ (*Malus domestica* Borkh.),
- l-arbutus (*Arbutus unedo* L.).

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll sal-31 ta' Diċembru 1992, għall-ispirtu miksub mil-lanġas (*Pyrus comunis*) min-għajr limitu fuq il-produzzjoni annwali tad-distilleriji.

Artikolu 7

Bħala deroga minn Artikolu 1(4)(r) (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89, il-kontenut minimu taz-zokkor għal kull 100 g kull litru stabbilit għal-likuri huwa hawnhekk imnaqqas għal:

- 80 g kull litru għal-likuri mill-ġenzjana mħejjija mill-ġenzjana bħala s-sustanza aromatika waħdiena;
- 70 g kull litru għal-likuri miċ-ċirasa li l-etil-alkoħol tagħhom huwa spirtu taċ-ċirasa waħdu.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1990.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' April 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni